MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2007

Numru 545/2007

Illum 12 ta’ Novembru 2007

Il-Pulizija

(Spettur Daniel Zammit)

vs

Walid Mohammed Ibrahim

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat akkuzat talli fl-24 ta’ Gunju 2007 ghal habta ta’ 15.20 ta’ wara nofsinhar, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cjoe’ serq mill-fond “Eurochange” Flt.1, Paceville Court, sitwat fi Triq Ball, Paceville, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali

u indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin (Lm1000).

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom bghat lill-imputat biex jigi gudikat minn dina l-Qorti bhala wahda ta’ Gudikatura Kriminali fin-nuqqas ta’ oggezzjoni mill-imputat.

Semghet lill-imputat jghati l-kunsens tieghu;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat qieghed jigi akkuzat b’attentat ta’ serq aggravat bil-mezz u valur.

Illi mill-provi jirrisultaw il-fatti segwenti:
- li fil-gurnata imsemmija fl-akkuza l-pulizija kienet accediet fil-fond indikat fl-akkuza billi kient giet attivata l-alarm tieghu;
- tul l-investigazzjoni tal-pulizija gew investigati xi guvintur ta’ nazzjonalita Gharbija li kienu jirrisjedu f’appartament sovrapost il-fond in kwistjoni u wkoll l-imputat li gie notat hiereg mill-korp fejn kien sit il-fond in kwistjoni. L-imputat kien gie arrestat wara insegwiment.
- kien hemm ukoll sgass fil-bieb tal-injam li jghati ghall-ufficini konsistenti filli kienet inqalet cappetta u l-katnazz.
- minn ezami komparattiv li gie ordnat bejn l-impronti digitali tal-imputat u lifter ta’ impronta li giet elevate mill-ambjenti tal-ufficini fuq gewwa irrisulta qbil; dana jirrisulta mir-relazzjoni relattiva esebita fl-atti.
- bhala fatt jirrisulta li ma kien insteraq xejn izda irrisulta mix-xhieda li apparti tghamir li soltu wiehed isib f’ufficju kien hemm ukoll flus kontanti kemm f’valuta maltija u kemm f’valuta barranija.

Illi l-imputat li ghazel li jixhed jammetti li huwa dahal fl-ufficini in kwistjoni. Fix-xhieda tieghu spiega l-presenza tieghu fl-imsemmija ufficini u qal illi meta dahal fil-korp dahal biex jidhol fl-appartament li fih kien qieghed jabita. Meta gie biex johrog, jghid l-imputat, intilef fil-korp, tela fuq il-bejt u ma jafx kif sab ruhhu f'dawn l-ufficini. Ipprova johrog, sab ruhu imsakkar u sgassa bieb biex jottjeni l-hrug.

Illi wara li qieset kollox din il-Qorti xejn ma tara kredibbli din l-ispiegazzjoni tal-imputat. Il-Qorti anzi hi tal-ferma konvinzjoni li l-imputat dahal appositament f'dawn l-ufficini sabiex iwettaq serqa li giet sfrattata meta skattat l-alarm.

Inghad dan ghalhekk l-imputat ghandu jigi misjub hati tal-akkuza tal-attentat ta' serq aggravata bil-mezz u l-valur. Fil-waqt li tiddikjarah hati ta' din l-akkuza migjuba kontra tieghu u rat l-Artikolu 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 41(1)(a) u 31 tal-Kap 9 tiddecidi li tikkundannah disa xhur priguneria bit-tnaqqis ta' zmien li l-imputat gja ghamel taht arrest preventiv.

Rat l-Artikolu 533, ukoll citat mill-Avukat Generali, u tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-espert tal-impronti digitali fit-termini ta' dak l-Artikolu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------